# L-Iskeda tal-Eżami tat-Taħdit 2022 – It-Tieni Sessjoni

| | | | |
|---|---|---|---|
| **Test 1** | Taħriġ 1: It-Tħejjija - mhux assessjata | minuta | studenti 1 u 2 |
| | Taħriġ 2: L-Intervista:<br>2. **L-iskola tiegħek**<br>4. **Is-saħħa** | 3 minuti | |
| | Taħriġ 3: Qabbel l-istampi | 3 minuti | studenti 3 u 4 |
| | Taħriġ 4: Stampi fuq tema | 3 minuti | |
| | | | |
| **Test 2** | Taħriġ 1: It-Tħejjija - mhux assessjata | minuta | studenti 5 u 6 |
| | Taħriġ 2: L-Intervista:<br>9. **Il-ħbieb tiegħek**<br>12. **L-annimali** | 3 minuti | |
| | Taħriġ 3: Qabbel l-istampi | 3 minuti | studenti 7 u 8 |
| | Taħriġ 4: Stampi fuq tema | 3 minuti | |
| | | | |

# TEST 1

## TEST 1: TAĦRIĠ 1: IT-TĦEJJIJA (minuta, mhux assessjata)

L-interlokutur jistaqsi għadd ta' mistoqsijiet b'mod informali lill-istudenti fuq affarijiet li jinteressawhom bħall-ilbies, it-temp, ir-raħal/il-belt tagħhom, x'jixtiequ jsiru la jikbru u suġġetti oħra li l-interlokutur ikun jaf li jinteressaw lill-istudenti ta' quddiemu.

Importanti li din it-tħejjija sservi biex l-istudenti jħossuhom kunfidenti biex jitkellmu fit-taħriġiet li ġejjin.

## TEST 1: TAĦRIĠ 2: L-INTERVISTA (3 minuti)

**L-interlokutur jistaqsi dawn il-mistoqsijiet fl-ordni li jidhru.**

**L-interlokutur jgħid lil Student A:**

"Se nistaqsik xi mistoqsijiet dwar ***l-iskola tiegħek***."

1. Inti tippreferi tmur l-iskola jew toqgħod id-dar? Għaliex?
2. Fejn tieħu pjaċir l-aktar fl-iskola? Għaliex?
3. Liema attività fl-iskola tiegħek għoġbitek l-aktar matul din is-sena? Għaliex?
4. Kieku kellek tneħħi xi ħaġa mill-iskola, x'kont tneħħi? Għaliex?

**L-interlokutur jgħid lil Student B:**

"Se nistaqsik dwar ***is-saħħa***."

1. Inti tieħu ħsieb ta' saħħtek? Kif tagħmel dan?
2. Għaliex importanti li tkun b'saħħtek?
3. Għaliex taħseb li l-isport importanti għal saħħitna?
4. Semmi xogħol fejn għandek bżonn tuża ħafna s-saħħa fiżika? Spjega għaliex.

## TEST 1: TAĦRIĠ 3: QABBEL L-ISTAMPI (3 minuti)

L-interlokutur jgħid lill-istudenti:

**“Nixtieqkom tħarsu sewwa lejn dawn iż-żewġ stampi. *(wara 5 sekondi)* Fihom xi affarijiet li huma differenti u xi oħrajn li huma l-istess. Jekk jogħġobkom, għiduli x’qed tosservaw fihom li huwa l-istess u li huwa differenti.”**

Jekk l-interlokutur jara li xi student għandu bżonn l-għajnuna, jgħid:

**“Tista’ tqabbel u titkellem aktar fuq …”**

- **il-post**
- **in-nies**
- **l-oġġetti**
- **il-kuluri**

L-istudenti jipparteċipaw indaqs xħin imisshom wara xulxin sakemm jgħaddu 3 minuti.

L-interlokutur jgħid:

**"Se nurikom stampa dwar tema u xi oġġetti. Agħżel minn dawn l-oġġetti dawk li taħseb li jmorru mat-tema u għid għaliex. Tista' tagħżel ukoll oġġetti li fil-fehma tiegħek ma jaqblux mat-tema u għid għaliex."**

**Qabel jibdew jitkellmu fuq l-oġġetti magħżula, staqsi:**

Lil Student A: X'taħseb li hi t-tema ta' din l-istampa?

Lil Student B: Taqbel mal-għażla tiegħu/tagħha? Għaliex?

Biex tgħin lill-istudenti jkomplu jitħaddtu, tista' tistaqsi:

- Liema oġġett ser tagħżel?
- Għaliex għażilt dan l-oġġett?
- Għaliex jaqbel mat-tema?
- Għaliex ma jaqbilx mat-tema?

**Nota: Jekk l-istudenti jużaw kliem Ingliż għal oġġetti li m'għandniex kelma popolari fil-Malti, m'għandhomx jitnaqqsu marki.**
**Madankollu, jekk jużaw kliem Ingliż <u>bla ħtieġa</u>, meta fil-Malti għandna kelma popolari u li taqdina sew, għandhom jitnaqqsu xi marki għall-vokabularju.**

# TEST 2

## TEST 2: TAĦRIĠ 1: IT-TĦEJJIJA (minuta, mhux assessjata)

L-interlokutur jistaqsi għadd ta' mistoqsijiet b'mod informali lill-istudenti fuq affarijiet li jinteressawhom bħall-ilbies, it-temp, ir-raħal/il-belt tagħhom, x'jixtiequ jsiru la jikbru u suġġetti oħra li l-interlokutur ikun jaf li jinteressaw lill-istudenti ta' quddiemu.

Importanti li din it-tħejjija sservi biex l-istudenti jħossuhom kunfidenti biex jitkellmu fit-taħriġiet li ġejjin.

## TEST 2: TAĦRIĠ 2: L-INTERVISTA (3 minuti)

**L-interlokutur jistaqsi dawn il-mistoqsijiet fl-ordni li jidhru.**

### L-interlokutur jgħid lil Student A:

"Se nistaqsik dwar ***il-ħbieb tiegħek***."

1. Taħseb li għandek bżonn tal-ħbieb? Għaliex?
2. Tippreferi ħbieb mill-iskola jew minn barra l-iskola? Għaliex?
3. Xi tħobb tagħmel l-aktar magħhom? Għaliex?
4. Kieku kellek issir ħabib ta' persuna famuża, lil min tagħżel? Għaliex?

### L-interlokutur jgħid lil Student B:

"Se nistaqsik xi mistoqsijiet dwar ***l-annimali***."

1. Għandek annimali d-dar? Għaliex?
2. Semmi annimal selvaġġ li jogħġbok u għaliex.
3. Taħseb li l-annimali għandhom jinżammu maqfulin? Għaliex?
4. Għaliex taħseb li l-annimali għandhom id-drittijiet ukoll?

## TEST 2: TAĦRIĠ 3: QABBEL L-ISTAMPI (3 minuti)

L-interlokutur jgħid lill-istudenti:

**"Nixtieqkom tħarsu sewwa lejn dawn iż-żewġ stampi.** ***(wara 5 sekondi)*** **Fihom xi affarijiet li huma differenti u xi oħrajn li huma l-istess. Jekk jogħġobkom, għiduli x'qed tosservaw fihom li huwa l-istess u li huwa differenti."**

Jekk l-interlokutur jara li xi student għandu bżonn l-għajnuna, jgħid:

**"Tista' tqabbel u titkellem aktar fuq ..."**

- **il-post**
- **in-nies**
- **l-oġġetti**
- **l-ambjent**

L-istudenti jipparteċipaw indaqs xħin imisshom wara xulxin sakemm jgħaddu 3 minuti.

L-interlokutur jgħid:

**"Se nurikom stampa dwar tema u xi oġġetti. Agħżel minn dawn l-oġġetti dawk li taħseb li jmorru mat-tema u għid għaliex. Tista' tagħżel ukoll oġġetti li fil-fehma tiegħek ma jaqblux mat-tema u għid għaliex."**

**Qabel jibdew jitkellmu fuq l-oġġetti magħżula, staqsi:**

Lil Student A: X'taħseb li hi t-tema ta' din l-istampa?

Lil Student B: Taqbel mal-għażla tiegħu/tagħha? Għaliex?

Biex tgħin lill-istudenti jkomplu jitħaddtu, tista' tistaqsi:

- Liema oġġett ser tagħżel?
- Għaliex għażilt dan l-oġġett?
- Għaliex jaqbel mat-tema?
- Għaliex ma jaqbilx mat-tema?

**Nota: Jekk l-istudenti jużaw kliem Ingliż għal oġġetti li m'għandniex kelma popolari fil-Malti, m'għandhomx jitnaqqsu marki.**
**Madankollu, jekk jużaw kliem Ingliż <u>bla ħtieġa</u>, meta fil-Malti għandna kelma popolari u li taqdina sew, għandhom jitnaqqsu xi marki għall-vokabularju.**